MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 83/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Therese Sciberras)**
**Vs**
**Rayona Caruana**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti Rayona Caruana [detentrici tal-karta tal-identita` numru 11787(M) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli bi ksur tal-artikolu 15(1) ta’ l-Avviz Legali 128 ta’ l-2002 kif emendat, fis-17 ta’ Lulju 2010 ghall-habta tad-9.00 hrs, poggew jew ippermettew li jitpoggew “sunbeds” u umbrellel aktar il-boghod minn hmistax il-metru mill-Marea Kiosk li ma kienux mikrija mill-pubbliku barra l-imsemmi stabbiliment Marea Kiosk, l-ghadira, l/o Mellieha, minghajr ma kellhom licenzja necessarja mill-awtorita` kompetenti.

U dan ukoll bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-licenzja tal-Marea Kiosk (licence reference MK 0055) artikolu 43(1)(b) ta' Kap. 409 skond l-artikolu 23(1) ta' l-Avviz Legali 128 ta' l-2002.
Bi ksur tal-artikolu 43(1)(b) ta' l-Att dwar is-servizzi ta' l-ivjaggar u tat-turizmu ghal Malta (Kap. 409) fis-17 ta' Lulju 2010 ghall-habta tad-9.00 hrs, poggew jew ippermettew li jitpoggew aktar minn tletin (3) umbrella/deckchair f'distanza ta' hmistax il-metru mill-Marea Kiosk, bi ksur tal-kondizzjoni tal-licenzja kif mahruga mill-awtorita` kompetenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 ta' Frar, 2012, li biha wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 43(1)(b) u 43(1)(2) tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta u regolamenti 15(1) u 23(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.08, il-Qorti rrilevat illi l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputata omissis gew irtirati mill-prosekuzzjoni u ghaldaqstant astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghom, filwaqt li ddikjarat li sabet lill-imputata Rayona Caruana hatja tal-akkuzi u kkundannataha multa ta' elf u erba` mitt Ewro (€1,400).

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fil-21 ta' Frar, 2012, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-esponenti minn kull imputazzjoni, htija u piena skont il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti huwa s-segwenti w cioe':-
1. Illi l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-esponenti jinsabu preskritti. Dawn l-imputazzjonijiet qed jigi allegat li sehhew fis-17 ta' Lulju, 2010 u ghalhekk jinsabu preskritti.
2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, l-imputazzjonijiet huma manifestament kontradittorji ghaliex filwaqt li fl-ewwel imputazzjoni jinghad "minghajr ma kellhom licenzja necessarja mill-awtorita` kompetenti", fit-

tielet paragrafu jintqal "bi ksur tal-kondizzjoni tal-licenzja kif mahruga mill-awtorita` kompetenti". Il-Qorti tal-Magistrati ma setghetx tiddikjara lil-esponenti hatja fl-istess sentenza talli hija hadmet minghajr ma kellha l-licenzja necessarja mill-awtorita` kompetenti u fl-istess waqt u hin talli agixxiet bi ksur tal-licenzja valida. Ghalhekk, l-imputazzjonijiet huma nulli u invalidi peress li ma jistghux jissussistu kontemporanejament u wahda twaqqa` lill-ohra.

3. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kaz prezenti, l-esponenti kellha l-umbrellel u s-sunbeds f'mazzi rrangati puliti u fid-distanza regolamentari. Gahlhekk, ma kien hemm l-ebda infrazzjoni tar-regolamenti. Ir-ritratti esebiti mill-ufficjali juru proprju dan, cioe` numru ta' umbrellel u sunbeds irrangati puliti f'mazzi u fil-limiti regolamentari. Meta klijenti prospettivi javvicinaw xi membru tal-istaff biex jikru umbrella jew sunbed, huma jinghataw minn dawn oggetti biex il-klijenti tal-kiosk u t-turisti jinqdew immedjatament u minghajr dewmien. Ghalhekk ma kien hemm xejn kontra l-ligi;

4. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, ir-regolament 23(3) jipprovdi espressament ghal sitwazzjoni bhal din –

***"Any person who fails to comply with the provisions of regulation 15(1) shall be guilty of an offence and shall, on conviction, be liable to a fine (multa) of one hundred and sixteen Euro and forty – seven cents (€116.47) in respect of any contravention".***

Ghalhekk, il-piena inflitta hija wahda zbaljata in kwantu l-piena applikabbli ghall-kaz prezenti hija ta' €116.47, u mhux €1,400 kull persuna.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Difensur u tal-abbli Prosekutur.

Ikkonsidrat

Li a fol 15, il-Prosekuzzjoni irtirat l-akkużi fil-konfront tal-imputata Marthese Caruana.

**Dokumentazzjoni**

L-ewwelnett mil-liċenzja esibita a fol 5[1] tal-proċess jirriżulta li kien hemm bidla fil-licensee minn għand Marthese Caruana għal Rayona Caruana fit-8 ta' Mejju 2006. Ir-registereed operator hija Mrs Teresa Caruana ID555861(M) b'effett mis-17 ta' Awwissu 2010.

Il-liċenzja għandha l-kundizzjoni li ma jkunx hemm aktar minn tletin deckchair jew umbrella u jridu jkunu esibiti għal kiri f'distanza ta' 15-il metru mill-kjosk.

L-istess informazzjoni tidher fuq il-licence receipt maħruġa f'isem Rayona Caruana fol 7.

It-tieni a fol 12 et hemm diversi ritratti meħuda minn diversi angoli li juru kemm il-kwantita' kif ukoll il-post ta' fejn kienu d-deckchairs.

**Xhieda**

Il-Qorti semgħet ix-xhieda mill-ġdid.

Xehed is-sur Andre' Zammit addett mal-Awtorita' tat-Turiżmu li qal li kienu kellmu lill-istakeholders kollha u tawhom struzzjonijiet kif kienu setgħu jaħdmu skont il-liċenzji. Meta marru fuq il-post huma sabu 'l fuq minn tletin umbrella u sunbed u barra fl-area tal-15-il metru mill-gabbana.  Imbagħad, **barra** mill-15-il metru fejn suppost l-appellanti kienet imliet kullimkien sunbeds u deckchairs u umbrelel mingħajr ma kienu mikrijin lin-nies.

Fil-kontro-eżami x-xhud spjega għala fil-kwerela l-Awtorita' kienet tablet li jittieħdu passi għaliex l-appellanti ma mxietx mal-liċenzja (minħabba li kellha aktar umbrelel u sunbeds minn dak in-numru stipulat fil-liċenzja) u għala talbu **wkoll l**i jittieħdu passi kontriha (għaliex **barra** mill-15-il metru l-appellanti ma kellha ebda liċenzja.  Kien għalhekk li ħarrku lill-appellanti taħt l-artikolu 43(1)(b) tal-Kap 409.

[1] Hemm l-istess dokument a fol 9.

Xehed ukoll is-sur David Bonello, assistant manager tal-enforcement unit tal-Malta Tourism Authority li kkonfrma dak li qal is-sur Andre' Zammit dwar in-numru ta' sunbeds li kien aktar minn dak suppost kif ukoll li barra l-ħmistax-il metru kien hemm sunbeds meta għal din l-area l-appellanti ma kellhiex liċenzja biex tippostjhom hemm.

Il-Qorti sejra tikkonsidra l-aggravji seriatim.

**L-ewwel aggravju huwa li l-imputazzjonijiet huma preskritti.**

Dwar dan l-aggravju jirriżulta dan li ġej:

(a) Ir-reat huwa allegat li sar fis-17 ta' Lulju 2012. L-ewwel seduta saret fl-20 ta' Lulju 2011. Il-pieni kontemplati taħt l-artikolu 23(3) tal-Avviż Legali 128 tas-sena 2002 u taħt l-artikolu 43(1) tal-Kap 409 it-tnejn huma multi kif jidher hawn taħt:

**Artikolu 43 tal-Kap 409**

*'43. (1) Kull min -*

*(a) mingħajr ma jkollu liċenza, imexxi xi attività turistika jew jippermetti li xi attività turistika titmexxa minn jew fi proprjetà li tagħha jkun is-sid jew koproprjetarju jew li minnha jew fiha jkun seta' mexxa dik l-attività li kieku kellu liċenza valida;*

*jew*

*(b) meta jkollu liċenza, jonqos li jħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni oħra li għaliha tkun suġġetta l-liċenza;*

*ikun ħati ta' reat u għandu, meta jinsab ħati, jeħel* ***multa*** *ta' mhux anqas minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux aktar minn tlieta u għoxrin elf u mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (23,293.73), u f'kaz ta' reat taħt il-*

*paragrafu (b), jew dwar reat taħt il-paragrafu (ċ), jekk il-ħati jibqa' għaddej bir-reat għal aktar minn tliet xh*ur, *ukoll għal priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur u mhux aktar minn tliet snin.'*

**Regolamenti 15(1) u 23 tal-Avviż Legali 409.08 (AL 128 tas-sena 2002).**

*'15. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull regolamenti oħra applikabbli, ħadd m' għandu jqiegħed imwejjed jew għamara oħra fuq barra xi stabbiliment turistiku, jekk qabel ma tkunx inħarġitlu liċenzja mill-awtoritai:*

*Iżda l-ksur ta' xi kondizzjoni ta' liċenza li għandha x'taqsam mat-tqegħid ta' mwejjed, siġġijiet jew affarijiet oħra jew partijiet minnhom minn detentur ta' liċenza jew minn xi persuna oħra jew minn xi aġenti li jaġixxu bl-awtorità tad-detentur f 'xi spazju msemmi , għandu wkoll , għall- finijiet ta' dawn ir-regolamenti, jikkostitwixxi reat kontra dawn ir-regolamenti:*

*23. (1) It-tħaris tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandu jitqies li jkun kondizzjoni li għaliha tkun suġġetta liċenza biex tiġi operata xi attività turistika, irrispettivament jekk issirx riferenza għal dawn ir-regolamenti fil-liċenza nnifisha.*

*(2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat, u tista' teħel il-multi u l-penalitajiet murija fl-artikoli 43 u 45 ta' l-Att.*

*(3) Kull persuna li tonqos milli tħares id-disposizzjonijiet tar-regolament 15(1) tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel* ***multa*** *ta' mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) għal kull ksur.'*

La ż-żewġ pieni applikabbli jużaw il-kelma 'multa', l-artikolu applikabbli huwa l-artikolu 688(e) tal-Kap 9 li jipprospetta sentejn żmien għall-preskrizzjoni.

**La ma kinux għaddew is-sentejn, l-imputazzjonijiet mhumiex preskritti u l-Qorti għalhekk qed tiċħad l-ewwel aggravju.**

**It-tieni aggravju huwa dwar li l-imputazzjonijiet huma konfliġġenti**

Fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni setgħet toħroġ iż-żewġ imputazzjonijiet fl-istess ċitazzjoni. L-ewwel imputazzjoni hija li l-appellanta kienet **qed taġixxi bla liċenzja** meta poġġiet is-sunbeds **oltre l-ħmistax-il metru**. Din hija imputazzjoni li hija indipendenti mit-tieni waħda. Hawn filfatt jissemma l-artikolu 15(1) tal-Avviż Legali 128 tas-sena 2002 fil-bidu tal-imputazzjoni.

Filfatt it-tieni imputazzjoni qed tgħid li l-appellanta kellha permess li tpoġġi mhux aktar minn tletin umbrella jew deckchair fl-ispazju tal-ħmistax-il metru. Din it-tieni imputazzjoni mhix li l-appellanti ma kellhiex liċenzja biex tpoġġi 30 sunbed jew umbrella iżda li kellha liċenza biex tpoġġi dan in-numru iżda marret oltre. Hawnhekk ir-reat huwa **differenti** minn dak ikkontemplat fir-regolament 15(1) tal-Avviż Legali 409.08 u japplika l-artikolu 43(1)(b) tal-Kap 409.

Għalhekk il-Qorti mhix qed tara l-kontradizzjoni li dwarha għamlet is-sottomissjonijiet id-difiża u qed tiddeċiedi li dawn iż-żewġ imputazzjonijiet setgħu jingħataw it-tnejn, u jekk, hemm il-ħtieġa jkun applikat l-artikolu 17(f) tal-Kap 9.

**Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju.**

**It-Tielet Aggravju – Li l-appellanti kellha l-umbrelel u sunbeds f'mazzi rranġati puliti.**

Il-Qorti semgħet ix-xhieda u rat ir-ritratti. Minn dawn jirriżulta li n-numru ta' umbrellel u ta' deckchairs kien aktar kien aktar minn dak stipulat fil-liċenzja. Id-deckchairs jew sunbeds jistgħu faċilment jingħaddu mir-ritratti, almenu dawk li jidhru.

Dwar id-distanza ta’ oltre ħmistax-il metru, din ma ġiet bl-ebda mod kontradetta u l-Qorti m’hi qed tara ebda raġuni għala m’għandhiex temmen lix-xhieda dwar dan id-dettal.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tielet aggravju.

**Ir-raba’ aggravju – Li għandu jgħodd ir-regolament 23(3) tal-AL 128 tas-sena 2002 biss.**

Jekk jirriżulta li nkisret xi kundizzjoni – kif hemm indikat **fit-tieni imputazzjoni** – aktar umbrelel u / jew deckchairs milli hemm indikat fil-liċenzja – allura dan huwa ksur tal-artikolu 43(1)(b) tal-Kap 409 riprodott aktar ‘il fuq **u tapplika l-piena hemm prospettata.**

Issa irriżulta **wkoll** li s-sunbeds jew umbrelel tpoġġew f’distanza ta’ aktar minn ħmistax-il metru. Miċ-ċitazzjoni jirriżulta li l-Prosekuzzjoni aktar kellha f’moħħha l-artikolu 15(1) tal-Avviż Legali 128 tas-sena 2002 meta **għamlet l-ewwel** imputazzjoni. Iżda jirriżulta ċar li dwar it-tieni imputazzjoni kellha f’moħħha l-artikolu 43(1)(b) tal-Kap 409 li huwa applikabbli għall-ksur ta’ tali dispożizzjoni.

**Eżami tal-Fatti**

Il-Qorti semgħet lix-xhieda minn fuq il-pedana u fil-fehma tagħha jirriżulta kemm li kien hemm sunbeds u umbrelel oltre l-limit mogħtija fil-liċenzja kif ukoll li numru ta’ sunbeds u umbrelel fl-ispazju li għalih kien il-liċenzja kien ogħla minn dak li jidher fil-liċenzja.

Lanqas m’hemm xi piena ħażina bħalma qed tindika d-difiża għaliex il-piena hija fil-parametri tal-Liġi ukoll jekk ikun applikat l-artikolu 17(f) tal-Kap 9.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-appell u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Rayona Caruana et omissis’ fid-9 ta’ Frar 2012 fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------